**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 18 ta' Gunju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**Vs**
**ANTOINE LAWRENCE MALLIA**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Antoine Lawrence, detentur tal-karta ta l-identita' bin-numru 105092M, akkuzat talli nhar it-2 ta' Settembru 2018, ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) u/jew f'diversi hinijiet ohra gewwa l-istabbiliment bl-isem Amigo's, triq Karmnu Abela, Hamrun:

1. Minghajr awrtorita' legali impurtajt, esportajt, trasportajt, xtrajt, ircivejt, ksibt, jew kellek taht il-kustodja jew pussess tieghek flus falsikati li kont taf li l-istess kienu falsifikati ; u dan bi ksur ta **Art. 188C ta' Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-liberta provizorja billi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magt. Dr.Anthony Vella LL.D, nhar it-25 ta' Gunju 2018 fuq depozitu ta' elf euro u garanzija personali ta' sitt elef euro, li bihom l-imputat jobbliga ruhu li ma jikkomettix reat iehor ta' natura volontarja.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-12 ta` Ottubru 2018 li jinsab a folio 13;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

**Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammissjoni tal-imputat u il-kondotta tieghu li hija wahda refrattarja. Madankollu, fatt mhux ta` ftit importanza hu propju s-*social inquiry report* imhejji u pprezentat illum mill-ufficjal tal-probation Matthew Fleri Soler. Id-dettalji li johorgu mill-istess rapport huma importanti li jittiehdu in konsiderazzjoni f'dan l-istadju.**

**Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha qed jigu riflessi fil-piena/sanzjoni ikkontemplata.**

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 188C, U 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Antoine Lawrence Mallia hati, fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sentejn (2) izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba (4) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li**

**ghalieh hemm piena ta` prigunerija; u ghall-multa ta' hames mitt Euro (€500).**

**Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hati Antoine Lawrence Mallia, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**INOLTRE** tordna li, *ai termini* ta' Arikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Supervizjoni taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal perjodu kollu operattiv.

Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

*Ai termini* tal-Ligi, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi trasmessa minnufih lid-Direttur Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' Antoine Lawrence Mallia.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur